# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-5 ta' Mejju 2016

Appell Nru: 14/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Georgia Seguna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Georgia Seguna detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 105071M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: Nhar is-6 ta' Settembru, 2014 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta b'kuntratt biex taghti access lil Edward Briffa ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Jannar, 2015, li biha wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u kkundannatha xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Georgia Seguna, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talbet lill-din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet

premessi tat-12 ta' Jannar, 2015 in kwantu l-appellanti instabet hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u tilliberha minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament u fl-eventwalita' illi l-Qorti ssib htija, tirriformha kwantu ghal-piena;

Rat ir-risposta tal-Kwerelant introdotta fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 t'Ottubru 2015;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat ukoll in-nota tal-parti civile;

Semghet il-provi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni irid jinghad illi l-appelanta akkludiet mar-rikors tal-appell taghha diversi dokumenti li qatt ma kienu esebiti quddiem l-ewwel Qorti. Dan mhux proceduralment ammissibbli f'dan l-istadju minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti u f'cirkostanzi specjali. Ghal dawn il-motivi mhu ser issir ebda referenza ghal tali dokumenti fil-konsidrazzjonijiet li jsegwu;

2. Illi in linea preliminari, l-appellanta tressaq bhala l-ewwel aggravju taghha n-nullita' tas-sentenza appellata fuq il-premessa ta' nuqqas ta' formalita' sostanzjali fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-appellanta tghid illi meta l-ewwel Qorti sabet htija fil-fatt imputat, indikat l-artikolu 338(11) tal-Kap 9 meta s-subartikolu (11) ma jezistix u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet tiddikjara li rat dan l-artikolu. Huwa evidenti illi l-indikazzjoni tas-subartikolu (11) huwa *lapsus* tipografiku fl-istesura tas-sentenza. L-artikolu relevanti tal-ligi huwa 338(ll) igifieri l-miniskuli jew il-*lowercase* tal-ittri LL. Anke waqt id-dettolografar ta'

din is-sentenza kienet riskontrata diffikolta peress illi nonostante l-ghazla tal-ittra appozita fuq il-*keyboard* din xorta wahda titrasmetti ruha b'mod li ftit hemm differenza bejn in-numru "11" u l-ittra "ll". Ma jistghax jitqies illi hemm nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li dwaru kienet instabet htija skond kif mitlub fuq piena ta' nullita' fl-artikolu 382 tal-Kap 9. Dak li dwaru qed tilmenta l-appellanta ma jirravviza ebda nuqqas ta' formalita sostanzjali fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9 u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

3. It-tieni gravami, li jidher li huwa estensjoni tal-ewwel wiehed, ukoll ta' natura preliminari, jitlob ghal-dikjarazzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata fuq il-premessa illi s-sentenza li tidher fuq il-komparixxi tindika biss il-kliem "*xahar detenzjoni*" minghajr ebda indikazzjoni ta' htija o meno tal-imputata u minghjar indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi li fihom instabet htija. Dwar dan irid jinghad illi minn ezami tal-atti processwali is-sentenza esebita tissodisfa il-vot tal-ligi kif ravvizat fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9. Fit-termini ta' dan l-artikolu, l-ghoti tas-sentenza ghandha tikkomprendi l-fatti li dwarhom tkun instabet htija, l-ghoti tal-piena u indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li jkun jikkontempla r-reat. Is-sentenza ufficcjali, dik a fol 12 u 13 tal-process takkludi dan kollu u ghalhekk anke dan l-aggravju qed ikun michud;

4. FIt-tielet aggravju, indikat bhala it-tieni wiehed fir-rikors tal-appell, l-appellanti tilmenta minn apprezzament hazin tal-fatti mill-ewwel Qorti. In sintesi, l-appellanta targumenta illi quddiem l-ewwel Qorti ma ngiebitx l-prova li kien hemm ordni tal-Qorti jew kuntratt li jinkombi fuqha l-obbligu li taghti access ghal binha minuri lill-kwerelant. Ezaminati l-atti jemergi illi skond il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 quddiem l-ewwel Qorti, kien xehed, *inter alia*, Edward Briffa, allura l-kwerelant li "prezenta l-ordni animo ritirandi". Wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, xehedet l-appellanta u

ezebiet digriet. Issa ghalkemm il-verbal tas-seduta ma jaghti ebda hjiel, kif idejalment hu mistenni, dwar din l-"ordni" u d-digriet", (dak li hu minimament mistenni hu li tkun akkluza d-data tal-ordni u l-Qorti minn fejn origina kif ukoll id-data u l-origini tad-digriet), fol 7 tal-process jakkludi kopja ufficcjali ta' rikors fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-Atti tar-Rikos 159/2013 RGM. L-istess dokument jinkorpora digriet ghal-dan ir-rikors li jipprovdi, *inter alia*, illi "B'effett mill 10 ta' Dicembru 2014, l-access tal-missier jibda mill-Imgarr, Ghawdex u jispicca fic-Cirkewwa dejjem minn hdejn l-ghases rispettivi". Dan id-digriet huwa datat 28 ta' Novembru 2014 u huwa ghalhekk evidenti li ma jinkwadrax fil-kwistjoni hawn devoluta stante li l-fatti allegatament sehhew fis-6 ta' Settembru 2014. L-appellanta esebiet dan id-digriet biex turi li kienet f'qaghda finanzjara u fi stat hazin tali li ma setghetx tonora l-obbligi taghha precedentement ordnati mill-Qorti Civili. Issa ghalkemm l-"ordni" *animo ritirandi* esebit mill-kwerelant in prim istanza jidher li ttiehed lura minnu (anke hawn ma hemm l-ebda rendikont fl-atti tal-ewwel Qorti), il-kopja tar-rikors u digriet esebit mill-appellanta quddiem l-ewwel Qorti jinkorpora dikjarazzjoni tal-istess appellanta illi *din l-Onorabbli Qorti* [allura l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)] *b'digriet taghha datat 9 t'Awissu, 2014 ordnat illi 'l-minuri jibda u jispicca l-access hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tac-Cirkewwa – vide dokument anness u mmarkat bhala Dok A* [dan id-dokument A mhux akkluz mal-kopja ufficcjali esebita]. Jissokta dak ir-rikors tas-26 t'Awissu 2014 illi tali d-digriet (tad-9 t'Awissu 2014) *inghata in segwitu ghal-rikors prezentat mill-mittenti fis-16 ta' Lulju, 2014 sabiex dina l-Onroabbli Qorti tirrevoka d-digriet taghha tal-4 ta' Lulju, 2014 fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda sleep overs b'dana li d-digriet jghid: 1. Tordna li b'effett mit-18 ta' Lulju 4014 [recte: 2014] il-minuri jkollu access ghall-missier bi sleep over alternattivament mill-Gimgha fl-4.30pm sas-Sibt 4.30 u mis-Sibt fl-4.30pm sal-Hadd fl-4.30;*

5. Issa l-ilment tal-kwerelant fil-fatt imputat kontra l-appellanta kien li naqset milli taghti access lill-minuri kif ordnata mill-Qorti. Kif tajjeb targumenta l-appellanta, wiehed mir-rekwiziti emergenti mill-artikolu 338 (ll) tal-Kap 9 hu li jkun hemm il-prova ta' ordni tal-Qorti jew kuntratt. Din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tara hi stess din l-ordni ghaliex kif gia inghad *supra* din mhix in atti u lanqas ma hemm deskrizzjoni, anke fi ftit kliem, tad-dokument esebit *animo ritirandi.* Ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tipprova tara hi mir-rikorsi, risposti u repliki tal-partijiet x'kienet l-ordni tal-Qorti anke ghaliex mankanza ta' wahda mill-partijiet li telenka jew issemmi xi att jista' jammonta ghall-konkluzzjoni zbaljata dwar dak li verament kien ordnat mill-Qorti kompetenti. L-ahjar prova ghalhekk certament tibqa' kopja ufficcjali tad-digriet tal-Qorti u jekk din kienet esebita izda irtirata, din il-Qorti ma tistghax serenament tikkonkludi li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha aktar u aktar meta s-sentenza appellata ma ssemmi xejn dwar din l-ordni;

6. Huwa minnu li kawzi ta' din ix-xorta u l-ilmenti li jwasslu ghalihom ilissnu hafna u hafna ansjeta' fuq il-partijiet u b'mod partikolari fuq l-minuri. L-ordnijiet tal-Qorti qieghdin hemm sabiex ikunu osservati b'mod skrupluz u minghajr eccezzjoni. Ta' spiss jigri li tinbet certu pika bejn il-partijiet li finalment titrasmetti ruhha direttament fuq il-minuri. Ksur ta' tali ordnijiet ma jistghux jghaddu inosservati u l-kompitu tal-Magistrat decident gia huwa oneruz bizzejjed meta si tratta ta' kawzi ta' din in-natura aktar u aktar meta d-decizzjoni twassal ghal-privazzjoni tal-liberta' tal-persuna bhala sanzjoni. U d-decizzjoni certament mhix wahda facli meta gudikant jasal sabiex, bhal f'dan il-kaz, jikkundanna omm ta' tifel ta' tlett snin ghal detenzjoni ta' zmien xahar. Madankollu, din il-Qorti jehtieg li tkun konvinta li kienu osservati d-dettami kollha tal-ligi fil-kaz hawn skrutinat u t-tehid lura tad-dokument cavetta mill-kwerelant rrenda incert dan il-process. Huwa tajjeb, kif xehed l-kwerelant stess, illi

wara s-sentenza appellata qatt ma kien hemm ripetizzjoni tal-allegat akkadut izda din il-Qorti thoss li ma tistghax tikkonferma s-sentenza appellata ghar-ragunijiet fuq esposti;

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanta minn kull htija u piena. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba alternattiva.